MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2012

Numru 89/2012

**Il-Pulizija**
(Spettur Kevin Pulis)

**vs.**

**George Attard**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' George Attard ta' erbgha u ghoxrin (24) sena, iben Alfred u Antonia nee' Vella fil-15 ta' Jannar 1987, gewwa Calarasi, ir-Rumanija u joqghod 52, Triq Stiefnu Zerafa, il-Marsa detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru; 568987(M), akkuzat talli;

1. Fit-28 ta' Novembru 2011 ghall-habta tas-21:30hrs gewwa fond 59, Triq Valletta, Mqabba, minghajr ili-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor

f'perikolu car, ikkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Raymond Farrugia mill-Mqabba, skont kif iccertifika Dr. Asterios Giotas (Med. Reg. No. 5297) mill-Isptar Mater Dei;

2. Talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi kellu fil-pussess u/jew taht il-kontroll tieghu arma rregolari kif ukoll zamm u garr l-istess arma minghajr licenzja tal-Kummizzarju tal-Pulizija, liema akkwist, pussess, zamma jew importazzjoni huma pprojbiti.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet lil Raymond Farrugia jiddikjara li huwa kien qed jahfer lill-imputat ghal dak li ghamel u li ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi dwar il-piena l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni n-natura tar-reati addebitati lill-imputat, l-ammissjoni bikrija tal-imputat f'dawn il-proceduri, il-fatt li l-fedina penali tal-imputat hija wahda nadifa u l-fatt li Raymond Farrugia hafer lill-imputat ghal dak li kien ghamel.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat Artikoli 214 u 216(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikolu 5(1) tal-

Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta’ tnax (12) il-xahar prigunerija li, b’applikazzjoni ta’ l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, qed jigu sospizi ghal sentejn.

A tenur ta’ l-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem car ir-responsabilita’ tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jekk huwa jikkometti matul il-perijodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------